SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 40**

**L-ERBGĦA 19 ta' AWISSU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**SKUŻATI**

| | |
|---|---|
| JOE BONELLO | VIĊI SINDKU |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

Il-Viċi Sindku, Kunsillier Rene' Rossignaud u Gordon Shephard kienu skużati. Ir-raġuni tan-nuqqas ta' dawn it-tlett membri kienet minħabba mard.

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 39 ġew approvati.Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għar-reminder li kienet intbagħtet lill-Ministru dwar iż-żoni Turistici. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier talab biex tintbagħat reminder oħra.

2. Il-Kunsillier staqsa meta ser toħroġ l-offerta ta' refurbishment tat-Tennis Court. Is-Sindku wieġbet li l-Perit tal-Kunsill qed jaħdem fuq l-ispesifikazzjonijiet.

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx spezzjoni ta' xi ħsarat fil-klassijiet fil-bini tal-Paroċċa qabel ma bdiet l-attivita' Skola Sajf. Is-Sindku wieġbet li spezzjoni ma saritx pero' fil-klassijiet ma kienx jidher li hemm ħsarat.

Il-Kunsillier iddiskuta dwar l-iskeda ta' pagamenti li tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni f' kull seduta tal-Kunsill. Il-Kunsillier kien irrimarka li din ma fihiex informazzjoni biżżejjed. F' seduta preċedenti ta' dan il-Kunsill li għaliha il-Kunsillier Fava kien skużat, kienu ġew ppreżentati 3 skedi ta' pagamenti minn kunsilli differenti. Dawn kellhom ħafna inqas informazzjoni min dik li tiġi ppreżentata f' dan il-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill kien ideċieda li dik li tiġi ppreżentata f' dan il-Kunsill hija korretta u għandha tibqa kif inhi.Il-Kunsillier irrimarka li allura għax f' dawn il-tlett Kunsilli l-iskeda tal-pagamenti mhux daqstant korretta allura tagħna għandha tkun l-istess?

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku irrapurtat li saret ħsara kbira fil-girna mibnija fl-entratura ta' Wied Għomor. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġa saru kommunikazzjonijiet mall-Ministru ta' Risorsi Umani biex din tinbena mill-ġdid.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħlijiet fit-toroq tal-Madliena għaddejjin b' ritmu mgħaġġel. Bħalissa l-ħaddiema qegħdin bil-vaganzi tas-sajf pero' xorta qed isiru xogħlijiet mill-WSC.

3. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mall-Kuntrattur tat-tindif. Dan ser jibda b' tindifa ġenerali l-aktar fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi.

**JUM IS-SWIEQI**

4. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatti mas-Sur Noel Castillo. Din il-persuna torganizza attivitajiet kulturali. Dan ħejja programm ta' saghtejn u nofs kant b' mużika immexxija mill-orkestra tal-Maestro Paul Abela. Dan il-programm jiswa €1775.00.Pagamenti jitħallsu lil persuni differenti.

5. Is-Sindku ppreżentat ukoll rendikont ta' l-ispejjes kollha li ser tinvolvi din l-attivita'. Dawn huma kif jidher:-

| | |
|---|---|
| Programm ta' kant u Orkestra | €1775 |
| Ikel | €1114 |
| Kiri ta' Siggijiet | € 190. |
| Fjuri | € 60 |
| Soft Drinks | € 102 |
| Inbid tal-lokal u Birra | € 350 |
| Quddiesa | € 20 |
| Dawl | € 460 |
| Earth Electorde | € 55 |
| Enemalta | € 130 |
| Transport u għamar tal-Palk | € 112 |
| Waiters | € 20 |

**Swieqi Road Race**

| | |
|---|---|
| Water | € 25 |
| Fruit | € 40 |
| Trophies | € 329 |
| Soft Drinks, Twistees | € 66 |
| Printing | € 460 |
| Posta | € 170 |

6. Il-Kunsill approva din l-ispiza. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Is-Sindku ssekondat.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkomplu..................)**

Il-Kunsill ġie nfurmat li għal din l-attivita' Jum is- Swieqi irċieva sponsor ta' €500.00 mill-Minstru tal-Kultura kif ukoll kiri ta' palk mingħajr ħlas.

7. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' l-Ispettur Meruzzi mit-Taqsima tat-Traffiku. F' din il-laqgħa ġew diskussi diversi problemi fosthom abbużi fil-one way ta' Triq is-Swieqi u Triq il-Miġbed kif ukoll abbużi minn sewwieqa tat-trakkijiet u coaches fi Triq tal-Mekkek u Triq il-Qasam li tagħti aċċess għal San Gwann.

8. Is-Sindku nfurmat dwar Memo 95. Din titratta dwar Skema ta' Inizzjattivi ta' attivitajiet 2011. L-ispejjes tal-programm jinqassmu bejn il-Kunsill u d-dipartiment. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Noel Castillo offra li jipprepara programm għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa. Il-Kunsill Fenech ippropons u s-Sindku ssekondat.

9. Wara diskuzzjoni li kellu l-Kunsill ma' rappreżentanti tat-Team Swieqi FC dwar il-possibilta' ta' għajnuna finanzjarja mill-Kunsill sabiex jinkrew faċilitajiet għat-taħriġ tagħhom. Il-Kunsill talab biex jittihed ruling mid-dipartiment tal-Gvern Lokali u b'hekk tiġi kkonfermata jekk din l-għajnuna tistgħax tingħata. Il-Kunsill informa wkoll li l' quddiem dan il-klubb lokali ħa jibda sistema ta' nursery biex b'hekk it-tfal tas-Swieqi ser ikollhom l-uniku mezz sabiex jirrikrejaw irwiehom. Il-Kunsill ikkonkluda li din hija ħaġa pożittiva.

**V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx il-kwotazzjoni għat-tindif ta' culverts fil-lokalita'. Is-Segretarju wieġeb li din għad ma waslitx minħabba li l-persuna risponsabbli fil-preżent tinsab imsiefra. Il-Kunsill ideċieda li malli l-kwotazzjoni tasal għandha tintbagħat lill-Kunsillieri permess ta' email sabiex dawn din tiġi approvata u għaldaqstant ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jibdew mingħajr dewmin.

2. Il-Kunsillier jinforma dwar il-bżonn ta' traffic calmer fit-tarf ta' Triq is-Swieqi, t-trejqa li tagħti aċċess minn San Gwann. Il-Kunsill informa li vetturi telgħin għal Triq is-Swieqi qed jibqaw ħerġin mingħajr ma jiefqu f' tarf it-telgħa. Dawn qed ikunu ferm ta' periklu għal dawk ħerġin minn Triq il-Ġiżimin. Il-Kunsill qabel li din il-calmer għandha ssir. Il-Kunsillier Fava ma qabilx li din issir pero' sar qbil li issir applikazzjoni ma' TM. Il-Kunsill qabel li l-calmer issir proviżorja minħabba periklu pero' jekk ir-risposta mit-TM tkun fin-negattiv din tinqala' mill-ewwel.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli......................)

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

3. Il-Kunsillier irraporta ħsarat fil-bankina ta' quddiem il-Garden Vew fi Triq is-Sidra.

4. Il-Kunsillier irraporta wkoll li fi Triq il-Marbat hemm xi kurduni neqsin. Dawn jistgħu ikunu ta' periklu għal dawk ir-residenti li jiffrekwentaw iż-żona. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-Kuntrattur.

5. Il-Kunsillier informa li l-avviż tal-laqgħa tal-Kunsill ta' llum reġa ma dherx fuq il-ġurnal "The Times".

6. Il-Kunsillier staqsa l-possibilta' li jitnaqqsu 2 metri mis-Centre Strip fi Triq il-Wiżna. Minħabba li l-vetturi qed isibuha diffiċli biex iduru minn din it-Triq.

7. Il-Kunsillier irraporta graffiti mall-ħajt fil-ġnien ta' Triq il-Ħemel. Hu rrimarka biex dawn jigu miżbuha.

8. Il-Kunsillier irrimarka li din is-Sena fl-attivita' Jum is-Swieqi għandu jiġi mqabbad compair. Il-Kunsillier Fenech irrikomanda li din il-persuna għandha tkun is-Sur Tony Galea minn Triq is-Sirk.

**Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier iddiplora il-vandaliżmu li sar fil-girna fl-entratura ta' Wied Għomor. Xi vandali ġarrfu il-girna li kienet inbniet bis-sengħa xi għaxar snin ilu mill-Ministeru tar-Riżorsi Umani.
   Il-Kunsillier ħa l-inizjattiva li jagħmel kuntatti mall-media u anki bagħat ritratti tal-ħsarat.

2. Il-Kunsiller spjega dwar il-laqgħat li kellu ma uffiċjali tal-Pulizija dwar il-problemi ta' studenti. Il-Kunsillier informa li kien hemm drabi meta tard bil-lejl ikkomunika mall-mobile squad biex jinfurmaw fejn kien qed isir l-istorbju. Il-Kunsillier irraporta wkoll li bagħat rapport ta' xogħljiet li għamlet il-mobile squad lis-Supretendent tad-distrett. Il-Kunsill Fava irraporta li minkejja is-sorveljanza li qed issir mill-Pulizjia xorta kellu diversi rapporti mingħand residenti dwar storbju u vandaliżmu fuq vetturi minn studenti barranin.
   Il-Kunsillier Fenech ssuġġerixxa li f' dan il-kas kulħadd għandu jagħmel il- bicca tieghu billi jirraporta lill-Pulizija tal-istorbju u ħsarat li jsir.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

3. Il-Kunsillier informa li dalwaqt ser jerġa jasal iż-żmien għall-ħarġa tal-maġażin tal-Kunsill. Hu rrikomanda dan għandu jerġa jieħu ħsieb il-Kunsillier Curmi. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. Il-Kunsillier Fava issuġġerixxa li fil-ħarġa li jmiss għandu jingħata spazju lill-NGO's u VSM sabiex jagħtu informazzjoni cara ta' l-organizzazzjoni tagħhom u ix-xogħol kollu li jagħmlu għas-soċjeta'.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.....................)

**<u>Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa biex tintbagħat reminder dwar l-espropjazzjoni ta' art żgħira fi Triq is-Swieqi aċċess għal San Ġwann.

2. Tintbagħat reminder wkoll dwar meta ser jibdew xi xogħlijiet fuq il-ħitan tas-sejjieħ fil-Madliena.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill għandux konferma mid-dipartiment li ser jagħmel tajjeb għall-ispiża ta' €113,000.00 għax-xogħlijiet ta' WSC. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx pero' is-somma kienet ġiet ikkonfermata waqt laqgħa li kienet saret fil-Ministeru li għalija anki kien preżent il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena. Il-Kunsill staqsa biex tinkiteb ittra lid-dipartiment sabiex dawn jikkonfermaw li ser jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjez.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa li kellha ssir bejn il-Kunsill, il-Ministru Pulliċino u Dr. Said dwar il-proġett ta' Triq il-Keffa. Is-Sindku wieġbet li din il-laqgħa għad ma saritx.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk kinitx waslet xi risposta għall-ittri li kienu ntbagħtu mill-Kunsill lil dawk il-Pajjiżi li l-ibħra tagħhom jiffurmaw parti mill-Mediterran. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li waslet biss tweġiba waħda mill-Italja.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratt tal-Kera tal-bini amministrattiv tal-Kunsill reġa wasal biex jiġġedded. Il-Kunsill ideċieda li dan għandu jiġġedded għal Sena oħra bl-istess kundizzjonijiet.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa bi bżonn li jiġu ppublikati żewġ bye laws. Waħda dwar l-attivita' Skola Sajf u l-oħra għal ħarġiet kulturali ta' l-anzjani. Il-Kunsill unanimament qabel li dawn jiġu ppublikati mill-aktar fis.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 28 ta' Settembru 2010 fil-5.30p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**